MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2009

Appell Civili Numru. 16/2009

**Dr. Robert Tufigno fil-kwalita` tieghu ta' stralcjarju tas-socjeta` Malta and Europe Hotels Limited (C-422)**

**vs**

**Gatt, Galea & Co bhala kontrollur tas-socjeta` Malta and Europe Hotels Limited Gatt, Galea and Co bhala Kontrollur tas-socjeta` Malta and Europe Hotels Limited (C-422) kif ukoll bhala Kontrollur tal-Bank of Industry, Commerce and Agriculture Limited u tas-socjetajiet kollha kontrollanti mill-istess Kontrollur minhabba assocjazzjoni tal-istess Bank u ghal kull interess li jista' jkollu l-Ministru tal-Finanzi**

**Il-Qorti,**

Fit-28 ta' Mejju, 2009, il-Bord ta' l-Appelli kostitwit bl-Att dwar Kumpaniji Kontrollati (Procedura ta' Stralc) iddegreta s-segwenti provvediment fl-ismijiet premessi:-

"Il-Bord,

Ra r-rikors ta' Dr Robert Tufigno fil-kwalita` tieghu bhala stralcarju tas-socjeta` Malta and Europe Hotels Limted.

Ra r-risposta ta' Gatt, Galea and Co li ma kkontestax it-talba tar-rikorrenti ghall-kjamat fil-kawza.

Ra r-risposta tal-Avukat Generali fejn ma opponiex it-talba.

Ra l-atti l-ohra konnessi mar-rikors.

Ikkonsidra kif gej:

Ir-rikorrenti qed jitlob li jiddahlu bhala kjamanti fil-kawza lil Cecil Pace u Henry Pace personalment bhala cessjonarji tad-drittijiet tas-socjeta` GusExport
International Limited peress illi l-mertu tal-appell tieghu quddiem il-Bord tal-Appell jolqot l-pretensjonijiet taghhom billi qed jissottometti li tali pretensjonijiet huma kompletament infondati. Qed jissottometti illi jekk il-Bord jiddeciedi fuq il-pretensjonijiet tal-ahwa Pace minghajr ma dawn ikunu parti jkun qed jilledi d-drittijiet fondamentali taghhom.

Essenzjalment dak li qed ighid ir-rikorrenti hu illi jekk ghall-grazzja tal-argument il-Bord jaqbel mal-aggravju tieghu fl-appell li hu ghamel quddiem dan il-Bord illi l-ahwa Pace ma huma dovuti xejn in kwantu cessjonarji ta' GusExport International Limited, dan ser jilledi d-drittijiet fundamentali taghhom in kwantu ma nghatawx id-dritt li jiddefendu ruhhom minn tali aggravju. Ghalhekk fl-interess tal-integrita tal-gudizzju, dawn il-persuni ghandhom ikunu prezenti fl-atti ta' dawn il-proceduri.

Il-Bord kien jidhol fil-mertu tal-kwistjoni mqajma mir-rikorrenti li kieku l-Kontrollur cahad jew awtorizza l-hlas ta' kwalsiasi somma lill-ahwa Pace fir-rapport tieghu, li minnu qed jilmenta l-likwidatur. Pero l-kontrollur baqa' lura milli ghamel kwalsiasi dikjarazzjoni simili. Wasal biss biex jikkawtela l-interessi tal-ahwa Pace u tal-BICAL b'somma ta' Lm500,000 (€1,164,686.70) biex jaghmel tajjeb ghall-eventwali ezitu tal-kawza fl-ismijiet Cecil u Henry Pace vs Emanuel A. Bonello noe, Citazzjoni 249/86JRM).

Din il-kawza li qeghda sub iudice titratta l-ammont ta' imghax dovut lill-ahwa Pace qua cessjonarji ta' GusExport International Limited fuq il-kreditu pretiz minnhom.

Ir-rikorrenti fis-sottomissjonijiet verbali li ghamel quddiem il-Bord, fis-seduta tal-24 ta' Marzu 2009, qal illi dak li hu sub iudice hu l-quantum tal-imghax u mhux il-kapital li kien qed jikkontesta fl-appell tieghu quddiem il-Bord.

Il-Bord ma jaqbilx ma din is-sottomissijoni pern tat-talba ghall-kjamat in kawza

Il-Qorti li quddiemha qed tinstema l-kawza trid tiddeciedi fuq l-imghax dovut. Biex isir dan, il-Qorti trid per forza tiehu in konsiderazzjoni l-quantum dovut. L-imghax mhux ser jinhadem fl-astratt izda fuq kapital realment u inkontestabilment dovut.

Il-Bord, bil-ligi, hu marbut jistenna l-ezitu finali ta' din il-kawza biex minnha jigbed r-rizultanzi li fuqhom jista' jiddeciedi kemm dwar dak li rriserva l-Kontrollur a favur tal-ahwa Pace f'kaz ta' ezitu favorevoli ghalihom, kif ukoll l-aggravju tal-likwidatur sakemm ikunu ghadhom pertinenti u validi tali riserva u aggravju, wara tali sentenza.

> Hu f'dak l-istadju li wiehed jista' jara jekk il-Bord ghandux jinvestiga l-aggravju tal-likwidatur fuq il-kwistjoni tal-GusExport International Limited.
>
> Ghalhekk, f'dan il-mument prezenti tal-proceduri hi prematura t-talba tal-likwidatur li jiddahhlu fl-appell tieghu l-ahwa Pace bhala kjamati in kawza, u ghalhekk il-Bord jichad it-talba.**"**

L-aggravju tar-rikorrenti *nomine* kontra dan il-provvediment hu fis-sens illi biex il-Bord jilhaq l-iskop li ghalih gie mahluq u jiddeciedi l-kwestjonijiet quddiemu b'mod gust u reali huwa ghandu jisma' x'ghandhom xi jghidu l-ahwa Pace li taghhom hu talab il-kjamata in kawza. L-istess rikorrenti *nomine* jissokta jissottometti illi jekk dan ma jsirx, l-ahwa Pace jkunu qeghdin jigu mcahhda mid-dritt fundamentali ta' smigh xieraq f'materja li fiha huma interessati, u jispicca biex dawn ikollhom jergghu jirrikorru lill-Qrati ghal dan l-iskop;

L-isfond li johrog mill-inkartament tal-kaz qed jigi riprodott b'dan il-mod konciz li jsegwi:-

1. Permezz ta' rikorsipprezentat fl-20 ta' Settembru, 2006 ir-rikorrenti Dr. Robert Tufigno fil-veste ta' stralcjarju tas-socjeta` Malta and Europe Hotels Limited talab li r-rapport tal-Kontrollur ta' l-imsemmija kumpanija jigi varjat f'dawk il-partijiet tieghu minnu oggezzjonati riferibilment ghal "*claims*" ta' Cecil Pace u ta' Henry Pace, personalment, kwantu cessjonarji tas-socjeta` Gus Export International Limited. Jidher li dan ir-rikors kien miexi flimkien ma' dak l-iehor Nru. 2/2006 fl-ismijiet "Avv. Michele Martone *et* -vs- Gatt, Galea & Co *nomine*";

2. F'dak il-kaz l-iehor appena msemmi Cecil Pace personalment u s-socjeta` World Travel and Tourism Limited ippretendew, fuq talba *ad hoc,* illi l-Bord jawtorizzahom jintervjenu fil-procediment, mentri fil-kaz prezenti hu r-rikorrenti *nomine* li, b'rikors intavolat fl-20 ta'

Marzu 2009 (fol. 122) talab il-kjamata ta' l-ahwa Pace personalment in kwantu cessjonarji fid-drittijiet tas-socjeta` Gus Export International Ltd;

3. B'digriet tal-15 ta' Jannar 2009 il-Bord iddekreta billi cahad it-talba ghall-intervenjenza fil-kawza. Minn tali digriet sar appell finalment deciz minn din il-Qorti fis-26 ta' Gunju, 2009. L-istess haga ghamel il-Bord bid-digriet tieghu tat-28 ta' Mejju, 2009 fuq id-domanda ta' l-istralcjarju ghas-sejha fil-procediment tas-soggetti hawn fuq indikati. L-appell prezenti jirrigwarda proprju dan l-ahhar digriet imsemmi;

Indiskutibilment, l-awtorizzazzjoni ghas-sejha ta' terzi fil-process tirrientra fil-poter diskrezzjonali ta' min hu msejjah biex jiggudika. Kif diga osservat minn din il-Qorti kif presjeduta, "meta t-tribunal adit jezercita d-diskrezzjonalita tieghu favur il-kjamata dik id-diskrezzjonalita ma tigix bhala regola disturbata fit-tieni istanza. Ara '**Joseph Vella Bonnici *nomine* -vs- Anthony Griscti**', Appell Civili, 6 ta' April, 1970. Invece, kif ukoll pacifikament akkolt, '*la Corte di Appello potrebbe dissentire dalla Corte di prima istanza nel caso di rigetto di domanda per chiamata in causa*'. *Vide* '**Avv. Filippo Nicola Buttigieg *nomine et* -vs- Sacerdote Giuseppe Attard *et***', Appell Civili, 22 ta' Mejju, 1916. Jinkombi allura fuq din il-Qorti li tinvesti u tiddeciedi jekk il-provvediment impunjat bl-appell jikkontjenix vizzji logici fir-ragonament tieghu u ghandux ghalhekk jigi disturbat." ("**Id-Direttur Generali tax-Xoghlijiet -vs- San Lucian Oil Company Limited**", Appell Inferjuri, 12 ta' April, 2007);

Mill-mod kif inhu fformulat l-appell huwa evidenti illi l-iskop wara t-talba tar-rikorrenti *nomine* ghall-kjamata fil-process quddiem il-Bord ma huwiex dak ghall-integrazzjoni tal-gudizzju anke ghaliex il-gudizzju kif promoss kien bla dubju integru, izda ghax hekk indikat ghal ragunijiet ta' interessi legittimi u ta' espedjenza halli jigu evitati gudizzji ohra mis-soggetti li taghhom saret is-sejha. Jigifieri "*per economia dei giudizi stessi*". Ara "**Buttigieg *nomine et* -**

**vs- Attard *et***” (22/5/1916) fuq referenzjata. Inkiteb fis-sentenza fl-ismijiet “**Philip Wismayer *et* -vs- Carmelo Wismayer *et***”, Appell Kummercjali, 19 ta’ Mejju, 1995, illi “Huwa manifest li ormai huwa preponderantement stabbilit illi l-kjamata in kawza ghandha tinghata dejjem f’dawk il-kazijiet li fihom, jekk ma tinghatax, l-effett prattiku jkun sempliciment li l-identika kawza terga’ tinbeda fuq atti simili (jekk mhux identici) bl-addizzjoni ta’ persuni mhollija barra bhala konvenuti”;

In linea ta’ principju din il-Qorti ma tistax hi wkoll ma takkoljix din l-enuncjazzjoni anke ghaliex, kif ravvizat, “in-necessita` ta’ proceduri ohra hija haga li ghandha tigi evitata b’kwalunkwe manjiera ghax dawn jistghu jwasslu ghal sentenzi konfliggenti”. Ara “**Tabiba u Kirurga Anne Cremona Barbaro -vs- Professur J. Borg Costanzi *nomine***”, Appell Civili, 14 ta’ Awissu, 1975;

Premess dan, il-Qorti lanqas ma tirrikonoxxi pero fil-kaz prezenti n-necessita ghal dik is-sejha invokata, u l-Bord sewwa ezercita d-diskrezzjoni tieghu. Dan bil-motiv illi kien jokkorri, almenu sa dak l-istadju, illi jistenna l-ezitu tad-decizjoni fil-kawza per Citazz. Nru. 249/86/JRM fl-ismijiet “Cecil u Henry Pace -vs- Emanuel A. Bonello *nomine*” in kwantu din seta’ jkollha riflessjoni fuq l-ammonti li l-Kontrollur ghogbu jirrizerva fir-rapport tieghu ghaf-favur ta’ l-ahwa Pace. Fi kliem iehor il-Bord ma qabelx li fi procediment bhal prezenti ghandhom jiddahhlu t-terzi, u anke kieku dan kellu jigi accettat in linea ta’ principju, il-kjamata taghhom ma kellhiex f’dak l-istadju tinghata qabel ma jkun maghruf, u *ex-post* is-sentenza tal-Qorti Civili, Prim’ Awla fis-suddetta kawza, illi dik is-sejha hi utli ghall-vertenza. Wara kollox, kif insenjat, “*il decreto di chiamata in causa (*jew dik tac-cahda taghha*) non presenta i caratteri e l’indole di una sentenza definitiva*” (“**Maria Pace Axiak -vs- Vincenzo Caruana**”, Appell Civili, 27 ta’ Ottubru, 1920). Sew ghal din l-istess raguni, kif ukoll ghal fatt ta’ dawk il-proceduri civili l-ohra in korso, ma jidherx li jista’ legittimament jinghad illi l-interessi tas-soggetti li taghhom intalbet is-sejha ma humiex

guridikament tutelati. Mill-kumplament, il-Qorti tirreferi ghall-konsiderandi taghha fl-Appell Nru. 5/09 fl-ismijiet "**Avv. Michele Martone *et* -vs- Gatt, Galea & Co *nomine***", deciz fis-26 ta' Gunju, 2009.

Ghal motivi predetti u dawk l-ohra tal-Bord ta' l-Appelli, din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma l-provvediment moghti, bl-ispejjez jitbatew mill-appellanti *nomine*.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------